# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 567/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Keith Falzon**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Keith Falzon, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 506080M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer ghax-xahar ta' Awwissu 2016 naqas li jaghti lil Gretel Gatt is-somma ta' €250, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma skond il-Kap 9 Artikolu 338(z)

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-21 ta' Novembru, 2016 li biha l-appellant

kien misjub hati ta' din l-imputazzjoni u kien ikkundannat ghal gimghatejn detenzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Keith Falzon, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-29 ta' Novembru, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **thassar, tirrevoka u tannulla** s-sentenza appellata fejn sabitu hati tal-akkuza [recte: imputazzjoni] dedotta kontra tieghu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew *in subsidum,* limitatament in kwantu ghall-piena, billi **tirrevoka l-piena nflitta** ta' gimgha prigunerija u minflok tinfliggi piena alternattiva minn dik karcerarja;

Semghet ix-xhieda;

Semghet lid-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi fl-udjenza tat-23 ta' Frar, 2017, l-Qorti *ex officio* issollevat il-possibbli nullita' tar-rikors tal-appell minhabba apparenti nuqqas ta' formalita essenzjali tieghu u ghalhekk dan ser ikun deciz *in primis*;
2. Il-Qorti ssollevat din il-kwistjoni *marte proprio* ghaliex deherilha illi fil-brevita' tar-rikors tal-appell (prattikament nofs pagna) l-appellant ghazel illi jkun estremament ekonomiku sal-punt illi igieghel lill-dak li jkun jahseb illi mhux sodisfatt il-vot tal-ligi kif ravvizat fl-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali. Tant hu hekk illi r-ragunijiet tal-appell, li fil-fatt hija raguni wahda, tinsab esposta

f'anqas minn zewg linji bil-mod segwenti: *"Illi effettivament dan il-manteniment thallas fl-intier tieghu mill-appellant izda il-Qorti inspjegabilment sabitu hati tal-akkuza kontrih"*.

3. Ezaminat id-dispost tal-ligi appena citat, izda, r-rikors promutur ma jiddifetta minn ebda rekwizit kif ravvizat fl-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali ghaliex dan jinkorpora l-fatti fil-qosor, ir-raguni tal-appell u t-talba ghat-thassir jew tibdil tas-sentenza, anke jekk, kif gia inghad f'manjiera ferm u ferm ekonomika;

4. Ghalkemm it-tul esagerat fir-rikors tal-appell ghandu fejn possibbli ikun evitat, ugwalment ghandu jkun evitat certu qosor esagerat li jkollu l-effett indesiderat li jdewwem inutilment il-proceduri;

5. Stabbilit dan, u kif gia osservat, l-appellant jillanja s-sentenza appellata fuq il-gravami li l-ammont dovut bhala manteniment ghall-wild tieghu kien imhallas lil u percepit mill-kwerelanta fl-intier tieghu. Din il-Qort ghalhekk ghaddiet biex tisma il-provi in rigward. Mix-xhieda tal-kwerelanta jidher illi omm l-appellant qieghda tghinu fil-hlas tal-manteniment mensili u jidher ukoll illi kien hemm xi arretrati x'jithallsu u dwar dan hemm arrangament verbali bejn il-partijiet. F'Awwissu 2016, omm l-appellant ghaddiet is-somma ta' €200 lill-kwerelanta, izda din tghid li dan il-hlas kien jirraprezenta l-ammont dovut ghax-xahar ta' Mejju. Omm l-appellant ghaddietilha ukoll is-somma ta' €50 bhala rigal ghall-eghluq snin it-tifel tal-appellant u l-kwerelanta suggett tal-manteniment in mertu;

6. Spjegat ukoll ix-xhud illi wara d-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tal-20 ta' Lulju 2015, l-appellant kien ihallas il-manteniment ta' €250 kif ordnat u dan fi flus kontanti sa Jannar [2016]. Minn dakinhar kien naqas milli jhallas u ghalhekk kien sar rapport mal-Pulizija u l-kwerelanta kienet infurmata li l-familja tal-appellant ser tibda taghmel tajjeb hi ghal dan il-manteniment u r-rapport kien irtirat. Omm l-appellant bdiet thallas hi izda l-kwerelanta kienet tqis dawn bhala hlas ghax-xhur ta' Frar, Marzu

u April 2016 u tqis illi thallset sax-xahar ta' Mejju 2016 b'dan illi ghadhom pendenti hlasijiet ghax-xhur ta' Gunju, Lulju u Awwissu 2016. L-kwerelanta taqbel illi kienet irceviet pagament fis-6 t'Awwissu izda, kif inghad, applikat dan il-hlas ghal-arretrati. L-appellant imbaghad hallas ghax-xahar ta' Settembru, 2016;

7. Omm l-appellant xehedet illi f'Awwissu 2016 ghaddiet €250 fi flus kontanti lill-kwerelanta u dan fir-rigward tal-manteniment dovut ghal dak ix-xahar. Solitament tghaddilha €200, ghax daqshekk kienet tiflah, izda peress illi it-tifel kien ghalaq erba' snin ghaddietilha €250 imbaghad tqassam il-flus hi;

8. Din il-Qorti gharblet sew id-deposizzjoni tal-parte civile u ta' omm l-appellant minn fejn jirrizulta li ma ghandu jkun hemm ebda konflitt fil-provi dwar meta saru il-pagamenti dovuti. Dak li xejn mhu car, anzi huwa fi stat konfuz ghall-ahhar huwa jekk il-hlas li kien isir minn omm l-appellant kienx isirx akkont tal-arretrati. Mill-assjem tal-provi jemergi illi jidher li l-kwerelanta kienet disposta tippercepixxi, per via ta' akweixxenza, l-ammont ta' €200 fix-xahar minflok dak ta' €250 ghax daqshekk kienet tiflah thallas omm l-appellant. Meta irceviet l-flus f'Awwissu, applikathom ghax-xahar ta' Mejju u ghalhekk ghandha issa mhux mhallsa ix-xhur ta' Gunju, Lulju u Awissu. Pero' fl-istess waqt tghid illi l-manteniment ta' Settembru thallas mill-appellant f'Settembru stess. U hawn nibtet il-konfuzzjoni fil-provi ghaliex jekk l-appellant hallas f'Settembru u dan il-pagament kien accettat bhala rapprezentanti l-manteniment ta' Settembru, ghaliex ma kienx applikat ghax-xahar ta' Gunju skond l-istess kwerelanta?

9. Huwa indiskutibbli li l-ordnijiet tal-Qorti ghandhom ikunu obduti skrupolozament aktar u aktar meta dawn ikunu jirrigwardaw hlasijiet direttament intizi ghall-manteniment tal-wild u kien ghalhekk li l-legislatur introduca l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali. Dan konvenut, izda, jidher li l-partijiet kienu waslu ghall-arrangament dwar il-*modus* ta' kif ghandu jithallas il-manteniment 'l hinn minn dak ordnat mill-Qorti minghajr ma

zammew rendikont ta' dak li kien qieghed jithallas u ghall-liema perjodu. Issa, " *f'kaz ta' konflitt ta' provi [*Il-Qorti] *trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"* (**ara Pulizija vs Joseph Thorne App. Krim., 9.0703** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et Qrt. Krim 19.10.2006** fost diversi ohrajn). Fil-kaz odjern, din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq ix-xhieda tal-kwerelanti. Dan mhux necessarjament ghaliex ma tistax tkun emmnuta izda ghaliex il-verzjoni taghha ghal-fini ta' gudizzju penali ma tiprospettax dik ic-certezza misthoqqa. Ghalkemm il-verzjoni taghha tista' tiswa ghal fini ta' gudizzju fil-kamp civili, ma jistghax jinghad l-istess ghal-dawn il-proceduri.

10. Din il-Qorti ghalhekk ma tistax serenament tasal ghall-konkluzzjoni li d-decizzjoni raggunta mill-Ewwel Qorti setghet waslet ghaliha ragjonevolment u skond il-ligi;

11. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell u thassar is-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull htija u piena.